# A N T H O N Y   U   C L E O P A T R A

PARODIJA MUZIKALI

Ta' Frank Ganado.

Jiehdu sehem.

C L E O P A T R A

A N T H O N Y

I R A S)   Qaddejja ta'
M A T A)   Cleopatra.

A L E X A S   Messaggir ta' Anthony.

M A R D I A N

T A U R U S

SITT SULDATI

ZEFFIENA U QADDEJJA.

XENA   Orientali fuq stil Arbi.

MOBBLI   Divan - imwejjed baxxi orjentali - pultruna orjentali.

BZONNIJIET   Handmirror - Tray with fancy bottles of perfume - Large box with powder puff and powder - Needle & thread for Iras - Box containing jewelry - Two large fans for soldiers - Telephone - Basket containing serpent - Flash camera and notebook for Taurus - Scooter with small horn for Alexas - Box on wheels for Mardian - Hand broom - Plain chain resembling a dogs collar - First Aid Box - Piece of elastoplast - sword on wheels for Anthony.

ILBIES   Cleopatra is in Oriental Attire with flowing hair and sandals. She wears bangles and jewelry etc.
Anthony in Roman attire. Roman hat with enormous plume Face with elastoplast. One arm in sling and sword.
Alexas in Roman attire with crash helmet & topboots on child's scooter and scroll and a pocket dog.
Mardian in Egyptian attire enters on box on wheels.
Taurus wears modern dress of the Teddy boy style and has large notebook and flash camera.
Iras and Mata wear oriental outfits, as also the dancers and other girls. The soldiers all wear Roman attire.

SALESIAN THEATRE

- SLIEMA -

SCRIPT No. 262

(1) FANFARE
(2) CURTAIN
(3) DELILAH (Iras + Mata dance)



M U S I C (A) BEFORE THE RISE OF THE CURTAIN THE ORCHESTRA PLAYS ~~A MUSICAL ARRANGEMENT ADAPTED TO THE PERIOD OF THE PARODY, ENDING WITH~~ (4) A CRASH OF CYMBALS AND DRUMS

AS THE CURTAIN RISES WE FIND C L E O P A T R A SEATED ON HER DIVAN ASSISTED BY HER LADY-IN-WAITING I R A S. CLEOPATRA IS FANCYING HERSELF IN A HAND MIRROR, WHILE IRAS IS FIDDLING ABOUT WITH HER HAIR. ON EITHER SIDE OF THE DOOR CENTRE BACK TWO SLAVES ARE CIRCULATING THE AIR BY MEANS OF TWO LARGE FANS. THESE SLAVES SHOULD BE BLACK TO GIVE A COLOURFUL CONTRAST. GIRLS IN ORIENTAL COSTUME ARE GROUPED ON THE STAGE OCCUPIED IN SOME PASTIME. M A T A THE OTHER LADY-IN-WAITING IS SETTING THINGS IN ORDER.

CLEOPATRA - X'jidirlek Iras? Tahseb li lil-Anthony jghogbu dan il PIN-UP?

Iras - X'jidhirlek. Harsa biss lejn dan il-gmiel ta xhar huwa bizzejjed.

Cleo - Jiena xhari bhal tal-Mummy. Ighidu li l-mummy tieghi kienet nofsa mara u nofsa huta - u jien ittiehidt minnha, ghax jiena nofsni mara u nofsni ragel. Iras, ara li ma dhallilhix bziebez ghax tghamel ghalik Rosina Depares.

Iras - Halli f'idejja mahbuba Regina tieghi.

Mata - Ghaliex maddawrilhix nokklu fuq mohha?

Cleo - Nokklu jonqosni biex inkun qiesni riklam tal-Lactogen! Imma kemm ser idum ma jigi dak il-kewba ta qalbi Mark-Antonio! Zgur zammu Cesare - dak daqs kemm ighid qiesu c-Cirimotta. Dak li jghamel Cesare biss huwa tajjeb - u dana mhux sewwa - ghandna bzonn ta Leader tal-opposizzjoni. O Anthony, qalbi, nispera li tigini lura qawwi u shih! Jahasra kemm nixtiq li kont ghadni daq-xejn ta tfajla, ghax kieku kont inkun bhal Giovanna D'Arco! Mata, taf li bix-xabla tieghu, Anthony tieghi kapaci jaqsam nemusa fi tnejn.

Mata - Il-kbir Anthony ma jista jerbahlu hadd!

Cleo - Dazgur li ma jista jerbahlu hadd, dak centre forward aqwa minn Tony Nichol. Anthony tant hu kbir li jiena hdejh qiesni l-kanjolin tieghu. U ghalfejn tahsbu li Cesare jrid iwekkilu lil-ohtu Ottavia? Ghax Anthony tant hu goal-scorer tajjeb li ghadu qatt ma tileb battal-ja wahda.

Iras - Jiena ghandi grazzja mieghu wisq.

Cleo - Iras, ara li l-grazzja ma tispiccax f'disgrazzja. Daka tieghi - tieghi biss, fhimt! U min jipprova jehoduli nsaffar Penalty. Imma kemm ser idum ma jigi? Dinha li trid toqod tistenna kbira wisq. Seta jibghat risposta. Ghandi l-kliewi qeghed jilghabuli Noli bl'inkwiet. (LOOKS AT MIRROR) Ghatini ftit terra Iras, ghandi nugrufuna fuq imniehri. (IRAS PRODUCES A LARGE BOX OUT OF WHICH CLEOPATRA TAKES OUT AN ENORMOUS POWDER PUFF AND POWDERS HER NOSE WITH IT) Nispera li lil Anthony ma zammithux dik ix-xhadina ta Ottavia. Jiena ma nafx x'jarahla - qiesha fenek tal-Indi. (CLEOPATRA MISTAKES THE POWDER BOX FOR THE POWDER PUFF AND THROWS THE POWDER ALL OVER HER. SHE SCREAMS) X'wahda din, ara x'ghamilt! Qiesni kavall lest ghal qali.

Iras - Ix-xitan mghandhux halib!

Cleo - Nixtrulu moza. Ara daqxejn kif sirt - qiesni pupa talgips. Isa, Mata, gibli xkupilja malajr. (MATA PRODUCES A HAND BROOM) Iras, xi hsibta zaqqi xi tambur?

Iras - Ghax kont qeghdha nfarfarlek it-terra.

Cleo - (TAKES HAND BROOM FROM MATA & GIVES IT TO IRAS) Ha, uza din, u tahsibx li ghandek xi sotmarin f'idek. (IRAS DUSTS HER) Harsu daqxejn kif sirt mizerja bl-inkwiet. U la jigi Anthony nghidlu li ma jistghax ikun li nibqa bil guh nistennih. Imnalla kilt dik il-koxxa tat-toru baxx baxx, ghax kieku kien isib fregatina flok Aircraft Carrier tistennih! Ser iddum tfarfar Iras, kwazi slahtli l-gilda.

Iras - Ih! Ara daqxejn x'teba ghandek.

Cleo - Ahjar innehhuha bis-Supershell. (SHE TRIES TO GET UP BUT STOPS AND SCREAMS), Issa sew!

Iras - X'gara? Xi gralek?

Cleo - Marli z-zipper. Isa, Mata, ghamilli pont malajr.

Mata - Iva, O Regina, halli ngib labra u hajta.

Cleo - U haffef li ma jmurx jasal Anthony u jsibni hekk. (Mata GETS NEEDLE & THREAD) Isa, Mata, ruhi ghax qeghdha fuq molla wahda, u ma jmurx jinzel is-siparju. (MATA STITCHES AND IN SO DOING PRICKS HER. CLEOPATRA SCREAMS) Aimaaa!

Mata - Jiddispjacini imma zelqitli l-labra.

Cleo - Zelqa ohra bhal dik inkeccik "in the Public Interest!" Dinha nsejhilha jnefficjenza!

Mata - Kien accident - mhux ghax ridt.

Cleo - Marridx nisma. Ghada nibghatek Ghawdex bil-Helikopter.

Mata - Ghawdex? Le, O Regina, ma noqodx bid-dubbien.

Cleo - Ghalhekk ser nibghatek biex tkun taf x'jigifiri tingis.

Mata - Mela allura jkolli nara x'nghamel.

Cleo - Mhemmx x'tghamel, jew Intergration jew Self Determination dak kollu. Imma kemm ser idum ma jigi. Ara gbajt nistenna. Iras, ghidilhom ikantaw xihaga ghax ser jaqbadni s-sulluzzu.

Iras - (CLAPS HANDS) Kantaw! Ir-Regina trid tisma ftit kant.

MUSIC (B) THE ORCHESTRA PLAYS THE INTRODUCTION OF ARRIVEDERCI ROMA AND ALL JOIN IN CHORUS. ONE OF THE CHORUS IS HOPELESSLY OUT OF TUNE AND CLEOPATRA STOPS THE MUSIC)

Cleo - Iefqu! Iefqu qeghed nghidilkom! (MUSIC STOPS) Qieskom qeghdin tbieghu fuq il-Monti. Wiehed minnkom mhux ikanta kien qieghed imma jiggargalizza! Iras!

Iras - X'ghandi nservik, mahbuba Regina?

Cleo - Nehhili dawn ix-xhadini minn quddiemi u giebli t-tfal. Le, stenna. Halli nnehhihom jien. (SHE GETS UP AND GOES CENTRE) Squad, atten - tion! Right - turn! Quick - March! (ORCHESTRA PLAYS MARCH AND MEN MARCH OUT) left - right - left right - left - right - left

(C) LILY WHITE.

(Cleopatra kicks the last man out and returns to Divan)
Iras, gib it-tfal - irrid narhom jisfnu, isa, malajr.

MUSIC (D) ORCHESTRA PLAYS Persian Market AND A BALLET SEQUENCE IN ORIENTAL COSTUMES IS PRESENTED. ~~AFTER WHICH CLEOPATRA HERSELF DANCES AND FINALLY THROWS HERSELF ON DIVAN EXHAUSTED)~~

~~Iras - Regina, mhux lighajjejtx.~~

~~Cleo - Ghajjejt u nghid. Nizhuli lerba tyres.~~

MUSIC FANFARE ~~A TRUMPET IS HEARD & ORCHESTRA PLAY QUICK TUNE, IN THE MIDDLE OF WHICH~~ A L E X A S APPEARS.* HE IS DRESSED IN A ROMAN COSTUME, WITH A CRASH HELMET AND TOP BOOTS. HE ENTERS RIDING A CHILD'S SCOOTER TO WHICH A SMALL HORN IS ATTACHED AND WHICH HE PLAYS CONTINUALLY)

*Donkey Serenade.

Alexas - (BOWING) Bghadtni Anthony il-Kbir u mahbub gwerrir taghna bi tislija ghalih, Onorevoli Cleopatra.

Cleo - Onorevoli? Isma ahna mahnhix fil-parlament. U hawn hekk dan is-soft soap marriduhx. Ghidli dak li int gejt mibghud biex tghidli u spicca. U darb'ohra dak id-dublett tawlu ftit. Arukaza f'hix wasalna llum. Iras, Mata, marridkhomx tharsu lejn dan it-teddy boy!

Alex - Il-Kbir Anthony baghad ighidlek li dalwaqt jasal hawn - kif jispicca joqtol xi erba mill-ghedewwa tieghu.

Cleo - Ahjar kienu fnjek ghax mejta bil-guh.

Alex - Qallek O Regina, biex tlestilu banju tal-halib halli jnehhi d-dmijja minn fuqu.

Cleo - Tajjeb wisq. IRAS, cempel il-Milk Marketing Department u ghidilhom jibghatuli truck halib pasturizzat.

IRAS - Isir kif tixtiq O Regina. (EXIT)

Alex - Qallek ukoll, li biex ticcelebraw il-vittorja tieghu, jixtieqek tippreparalu cena mill-isbah - bi frott, laham hxejjex u imbit - kollox ta barra.

Cleo - Ghidlu li jiddispjacini hafna imma llum billi hawn il-unions u hadd 'ma hu unjoni, mghandnhix hlief konfuzjoni. Pero' nipprova nakkwistalu Frisian Cow marida, bil felfel.

Alex - Qallek li jixtiq ftit gobon u butir tajjeb.

Cleo - Dak haga zghira - ngibu minn tal C.a.R.E.

Alex - Qalli biex infakkrek biex tixhel il-musbih il-kbir.

Cleo - Aima - l'aktar bis-sufferini li ghandna. x'izjed?

Alex - Dak kollu, O Regina.

Cleo - Mela tista tmur u ghidlu li dak kollu li ordna jkun servut.

Alex - Eh, bilhaqq, qalli biex nghidlek li kif jasal jixtiq jdur dawra mal-Belt, imma jridek issiblu lil xihadd li huwa edukat, liebes tajjeb u lest biex ighin f'kollox.

Cleo - Tajjeb wisq. Issa nsieblu konduttur minn fuq karozza tal-linja,

Alex - U flahhar bghad ighidlek li waqt likel jixtiq jisma u jara is-soltu kant u sfin.

Cleo - Ghidlu li ga lestejtlu r-Rock and Roll. Issa tista tmur u sellili ghalih.

(E)

Alex - Xewqa tieghek hija ligi, O Regina. (BOWS & EXIT) Donkey Serenade

Cleo - MATA Smajt x'inhuma x-xewqat ta Anthony hux?

MATA - Iva, O Regina.

Cleo - Mela mur immediatament ghand il-Ministri kollha u tinsix is-Central Office of Information. (IRAS re-enters)

MATA - Tkun obduta, O regina. (EXIT) SOLDIERS RE-ENTER)

Cleo - Isaw, isaw, naddfu w irrangaw kullimkien ghal migja ta Anthony. U ara li ma titfghux beccijiet tas-sigaretti fl'art. IRAS. It-terra kollha marret hux?

IRAS - Iva, O Regina, ma jidher xejn!

Cleo - Tghid nilbes libsa ohra, jew nibqa b'din li ghandi?

IRAS - Din sabiha tant, mghandekx ghalfejn dbiddilha.

Cleo - Ghandek ragun. Anthony ihobbha wisq dil-libsa. IRAS, giebli l-kaxxa tal-gojelli. (IRAS BRINGS A LARGE BOX CONTAING AN ASSORTMENT OF BANGLES. CLEOPATRA CHOOSES AND TRIES ON. SHE PICKS UP A PLAIN CHAIN) Nixtiq naf, din ghalfejn tawhili, ghax proprju kullar ta kelb qiesa. Jiena nahseb li dinha l-ahjar wahda. (SHE PUTS IT ON) Issa x'jonqos? Eh, iva - IRAS - gibli l-fwieha. (IRAS BRINGS TRAY ON WHICH THEY IS AN ASSORTMENT OF FUNNY LOOKING BOTTLES. CLEOPATRA TOUCHES THEM ALL) Issa liema ser nibda nghazel? Pizzi pizzi kamillo', eppepijo eppepo, bella gagga giggifo'. (She picks one out and smells it) Din il-fwieha sventat. Jaqaw hallejtu l-flixkun bla tap?

IRAS - Sa fejn naf jien le.

Cleo - Mela ha. Ghidt il-Ministru tal-Edukazzjoni tibghatu Ruma ghar-ristawrazzjoni. Xommu daqxejn int, IRAS, biex tara x'riha ta basal ghandu.

IRAS - (SMELLS IT) Jiena riha ta gizimin qeghdha nxomm.

Cleo - Mela forsi xammejt il-basal ghax ghadni fiakka. Ihh! x'wahda din - taf li raqditli sieqi. Isa, IRAS, ghamilli ftit massagg - u haffef. (IRAS MASSAGES. Cleopatra giggles as she gets tickled) Tgharaxnhix aktar, Mata, ghax ser jisparali l-kurpett! Ah! Hekk ahjar. Issa ghamilli ftit alume.

IRAS - Alume?

Cleo - Le, le, ara tghamilli xejn li ma tmur titlaghli l-lehja.

(F) FANFARE — DONKEY SERENADE

M U S I C SOUND OF TRUMPET AND SAME QUICK TUNE AS BEFORE AND ALEXAS RE- ENTERS. ONLY? HIS SKIRT IS NOW TOO LONG)

Cleo - Int min int?

Alexas- Ergajt gejt, O Regina -

Cleo - Kif? Inti kont hawn qabel?

Alex - Iva, dazgur. U ergajt gejt biex naghtik l-ahbar.

Cleo - Iva, iva, issa qeghdha niftakar - imma bid-dublett twil mgharaftekx. Allura x'inhu dan l-ahbar? Nispera li lil-Anthony ma wehlitluhx ir-rota tax-xarretta!.

Alex - Gejt naghtik l-ahbar li l-mahbub Anthony taghna gie ferut. (CLEOPATRA GIVES A HEART RENDING SCREAM, WHILE THE ORCHESTRA PLAY ONE BAR OF A FUNERAL MARCH) Chopin

(G)

Cleo - Ferut? Anthony tieghi ferut? Imma kif jista jkun! Anthony tieghi qiesu Jet-fighter. Imma wegga sewwa?

Alex - Nahseb, O Regina ghax haduh fit-tinda tieghu bil-banda ta Indri'.

Cleo - Jekk minthix tghidli l-verita' naqtghalek ilsienek.

Alex - Tahseb li kieku kont nigi fuq dan il-One and carry One, biex nghidlek hekk? Le, O Regina, Din id-darba lil kbir Anthony, cempluh.

Cleo - Cempluh? Mela Anthony xi qampina? Mata - isa malajr - giebli dik il-kaxxa minn hemm. (MATA PRODUCES LARGE FIRST AID BOX FROM WHICH CLEOPATRA TAKES OUT A PIECE OF ELASTOPLAST) Hawn ha, hudlu dik il-bicca elastoplast u ghidli jaghmilha fuq il-ferita. Imbghad la jigi hawn u ghidli jaghmilha fuq il-ferita. Imbghad la jigi hawn in-nixxifilu bhal fil-forn. U issa tista tmur, u ghidlu li qeghdha nippreparalu kollox ghal migja tieghu.

Alex - (BOWS) Tkun servuta, O Regina. (HERE HIS SKIRT FALLS TO THE GROUND)

Cleo - Jiena ghidtlek biex tmur, u mhux taghmilli exhibition tal-Caravaggio. Mur, qeghed nghidlek, u darb'ohra dak is-siparju orbtu sewwa. (ALEXAX GETS CONFUSED - COMIC BUSINESS. HIS SKIRT GETS ENTANGLED IN HIS SCOOTER AND HE FALLS TO THE GROUND) Hemm x'int taghmel? Xi obstacle race? Qum minn hemm u mur, qeghed nghidlek! (ALEXAS GETS UP AND EXIT) Isa, Mata, hu hsieb biex tlestili ftit balzmu u pinta demm tal-baqra.

(H)
Donkey serenade

Mata - Demm tal-baqra? U dan ghalfejn?

Cleo - Biex jekk hemm bzonn lil-Anthony naghmillu 'Blood transfusion'! Toninu l-kbir u mahbub tieghi ferut. Nisma dik il-kelma biss, inhoss gismi jaghmilli l-jitterbug. (DRAMATIC) U jekk Anthony imut, jiena marridx nghix aktar, u mmur mieghu anki bir-reverse!

Mata - Stabar, O Regina, forsi mghandhux affarijiet kbar.

Cleo - Mghandhux affarijiet kbar u haduh bil-banda ta Indri'? Kieku kienu jiehduh bil-banda ta LaVallette!

Mata - Emminni, jiena ma nistghax nifhem kif cempluh - dan x'hin kien?

Cleo - Biex cempluh sinjal li kien wara il-Paternoster.

Mata - Imma nghid jien, kif ferewh?

Cleo - Ma nafx. Forsi laqtitu zbrixx xi bomba atomika! (MARDIAN, ANOTHER MESSENGER ENTERS ON A BOX ON WHEELS) (MARDIAN, ANOTHER MESSENGER ENTERS ON A BOX ON WHEELS) ORCHESTRA PLAYS A QUICK TEMPO. MARDIAN RISES & BOWS.

(I)
Fanfare - Balilea

Cleo - U kemm gejjin messaggiri llum. Mata, dan min hu? Id-Defence Minister jew Mr.Bevan?

Mardian Insellimlek O Regina taghna, dejjem maghna, fil-q b taghna, fost is-Saltna taghna qiesek Banana!

Cleo - Banana? Ara li ma nhallilekx il-qoxra warajja u tiehu lewwel premju tal-gabirjoli.

Mard - Int ma taghmilx hlief isserhilna rasna.

Cleo - Isma, lili xi hsibtni xi Aspro? Ara, Mata, kelmu int ghax qieghed jaqbadni d-dardir. (MATA TALKS TO MARDIAN IN SUBDUED TONES) Ser iddumu tfesfsu? Ghidli, Mata - dan x'gie jaghmel? Xi jrid?

Mata - Qeghed ighidli li gieblek il-halib pasturizzat!

Cleo - Eh, tajjeb. Nispera li hu tal-baqra hux? Ghax jekk inhu tal-moza tista terga tiehdu lura. (Mata bvat)

Mard - Il-halib li giebtlek, O regina, huwa aqwa minn tal-baqra. Dan il-halib ghamiltu jien.

Cleo - Ghamiltu int? Mela int x'int xi baqra jew xi moza?

Mard - La jiena baqra u lanqas moza, jien l-Expert li gejt biex -

Cleo - Mela tista terga tmur mnejn gejt, ghax tant ghandna experts, li ser naghmel battaljun bihom fil R.M.A.

Mard - Sadattant, O Regina, l-halib fejn naghmluh?

Cleo - Zvojtah fil-vaska, u sahhnuh ftit biex Toninu tieghu ma johodlix rih.

Mard - Tkun obduta, O Regina. (BOWS & EXIT)

Cleo - Mela ejja, ~~Mata~~ Iras., halli naraw x'inhuma jaghmlu.

FANFARE — LAUREL & HARDY THEME

M U S I C (J) TRUMPET PLAYS FEW BARS FOLLOWED BY ORCHESTRA WHO PLAYS A FUNERAL MARCH.

Mata - ~~[illegible]~~ enters (EXCITED) Wasal il-kbir Anthony!
(ANTHONY APPEARS. HE TOTTERS IN THE DOORWAY. HE IS WEARING ROMAN ATTIRE. A ROMAN HAT WITH ENORMOUS PLUME. HIS FACE IS COVERED WITH PIECES OF PLASTER. HIS LEFT HAND IS IN A SLING. HE WEARS AN ENORMOUS SWORD ON WHEELS)

Anthony Cleopatra!!!

Cleo - (WITH A CURTSEY) Insellimlek O mahbub Anthony tieghi.

Anth - (GOES TOWARDS CLEOPATRA WHO RECEIVES HIM WITH OPEN ARMS) Qalb ta qalbi! (ANTHONY DROPS TO THE GROUND) CHOPIN 2nd part

Cleo - Xi gralek, Toninu, ruhi. Jiena ga kont qeghdha nahsbek mejjet, daqs kemm domt ma tigi, u ghal ftit ma nizziltx il-bandira mezza lasta.

Anth - Mejjet minhix, mahbuba tieghi. Mhux il-qawwa ta Cesare ser teqred il-qilla ta Anthony, imma il-qilla ta Anthony ser taghti l-qawwa lil-Cesare.

Cleo - Din ghandu jkun xi bicca Aritmetika. Kemm titkellem ta gharef, Toninu tieghi - imma ghidli - xi gralek?

Anth - Issa nghidlek. Imma qabel nehhili l-kullhadd minn quddiemi. Marrid nara lil-hadd - HLIEFEK'.

Cleo - Squad atten - tion'. Right - turn'. By the left - double quick - march'.

(K)

HAPPY WANDERER.

M U S I C Orchestra plays a double MARCH, and all troop out)

Cleo - Qeghed tara kif malajr sar kif xtaqt int. Ghidli issa, qalb ta qalbi, x'ghamlulu lil Toninu tieghi. (ANTHONY RUBS HIS STOMACH) X'ghandek ruhi?

Anth - Ghandi ugih ta zaqq'.

Cleo - Tridx naghmillek fumenta?

Anth - Qalbi qeghdha thabbat tnax tnax bil-ghejja.

Cleo - U tieghi bl-inkwiet tant qeghdha thabbat li miexja bir-reverse.

Anth - Hanini - ejja hoqqli zaqqi.

Cleo - Mela le, ruhi qalbi. (RUBS HIS STOMACH) Isma, nispera li mghandekx il-hniex'.

Anth - Mejjet bil-ghatx - ma niflahx aktar. Ghatini xihaga x'nixrob.

Cleo - (CLAPS HANDS & IRAS APPEARS) Iras, malajr - gibli t-telephone. (ANTHONY GROANS) Dalwaqt, qronflu ta qalbi - dalwaqt mieghek. (IRAS BRINGS TELEPHONE GIVES IT TO CLEOPATRA [redacted]) Hello? Ghamilni mal-fabbrika tal Farsons.

Anth - Ser taghmel, Cleopatra?

Cleo - Ser nordnalek kaxxa Blue.

Anth - U le, x'blue, blue - marridx birra.

Cleo - Operator - as you were - mela xi trid ruhi?

Anth - Xihaga kiesha'.

Cleo - Tridx luminata?

Anth - Le - marridx luminata.

Cleo - Mela xi trid - xi ftit gugu?

Anth - U le, x'gugu. Xihaga kiesha.

Cleo - Halli f'idejja - issa nahsiblek xihaga jien. (ON PHONE) Hello'. Ghamilni mal-Premier. Hemm il-Premier? Isma, ibghatli gelat mill-aktar kiesah li ghandek.

Anth - U le, Cleopatra, marridx gelat.

Cleo - As you were - mela xi trid - xi kassatella Naplitana?

Anth - Marridx kassatelli.

Cleo - HELLO'. Qabbadni ma Cutajar & Co. Hello'. Inti l-Agent tal-White Label? Sewwa - mela ibghatli flixkun whisky issa.

Anth - (HICCUPS) U le - marridx - whisky.

Cleo - Mela allura xi ftit Brandy.

Anth - Lanqas. Inhoss ix-xewka ta dari donnha qiesha serrieq. Rasi - genbi - saqajja - sidri - ma niflahx aktar.

Cleo - Hello! Operator - emergency - ghamilni mat-tabib tal-Insurance. Le, le, ara - ahjar taghmilni mal-Professur Cangura. Hello! Int il-Professur Cangura? Hares Profs, hawn ghandi bniedem ferut u qieghed ihoss kullimkien jughew. X'inhu? Ih, dazgur li gravi. Fejn hu ferut? kullimkien tista tghid. X'inhi din? Tghamlu fil-gips? Isma lil-Toninu tieghu xi hsibtu - xi figurin? (Slams receiver) Belli

Anth - O tajra ta qalbi - mghandi l-hadd hliefek - ghini ftit halli nqum - O tajra ta qalbi.

L

(M U S I C TRUMPET PLAYS "VOLA COLOMBA"

Cleo - (LEAVES TELEPHONE AND GOES TO HIM) Ejja gunglinu tieghi, Ejja halli nqeghdek fuq id-Divan. (COMIC ACTION. TAURUS ENTERS WITH FLASH CAMERA AND LARGE NOTEBOOK AND STARTS MAKING NOTES) Hekk - tajjeb hekk?

IRAS Iras EXIT.

Anth - Tajjeb. Nixtiq infaqqalek bewsa - bewsa kbira -

Cleo - Toqodx tithabat, Toninu ta qalbi; halli nghatik bewsa jien li ma tmur tiksirli li spina. (SHE KISSES HIM) X'wahda din! X'riha ta tewm ghandek.

Anth - Cleo tieghi - ejja halli nghanqek wahda.

Cleo - Hawn pizellu tieghi. (SHE HUGS HIM AND AS SHE DOES SO TAURUS WHO IS READY WITH HIS CAMERA FLASHES A PHOTO) (CLEOPATRA SCREAMS AND SEES TAURUS) Hawn x'int taghmel?

Taurus Xejn.

Cleo - Xejn sabih - tidhol hawn bhal-sajetta titfa l-beraq b'dik il-kaxxa infernali.

Taur - Dak li qieghed naghmel biex naqla x'niekol.

Cleo - Mela mur aqla x'tiekol minn band'ohra u tergax tidholli fil-boudoir!

Taur - Jiena gejt hawn biex inkellem lil-kbir Anthony.

Cleo - Bhalissa ma tantx hu kbir ghax qiesu bicca dunlupillo. U biex tkelmu trid appuntament, fhimt. U ghalfejn trid tkelmu?

Taur - Biex jirrakuntali kif gie ferut.

Cleo - Xehtulu landa Bully beef. U ghalfejn trid tkun taf?

Taur - Biex ingib li storja fil-gazzetta.

Cleo - Qabel xejn, int x'int?

Taur - Jiena reporter.

Cleo - Reporter? X'reporter int?

Taur - Tajba din. Reporter ta gazzetta.

Cleo - Le, le, le. Jekk trid tkun taf xihaga mur is-Central Office of Information u lilna hallina bi kwietna.

Taur - Iva, almenu - halli niehu ritratt iehor.

Cleo - Mela x'taghmel. Aqbizli l-barra qeghed nghidlek u ara ma nergax narak hawn. Barra qeghed nghidlek.

Taur - Sejjer - imma nerga nigi xejn tahseb.

Cleo (M) Jekk terga tigi nwahhallek kalamita. Barra!
(TAURUS EXIT)

Anth - Zokkra ta qalbi - mejjet bil-ghatx. Ghatini ftit imbit.

Cleo - Mela le, Toninu tieghi. (ON PHONE) Hello - ghamilni ma Cassar Brothers. Hello - hemm Cassar Brothers? Ara jiena Cleopatra, ruhi - iva Cleopatra - ibghatli kaxxa Marsovin issa. Grazzi taf. (REPLACES RECEIVER)

Anth - O Egittu - Egittu mahbuba tieghi - jiena qeghed immut. O Egittu la tisraqx il-hajja ta Anthony.

Cleo - Tibza xejn, Toninu qalbi ghax fil-kaz incempel ghal-Pulizija.

Anth - Qabel qalbi taghti lahhar tferfira, nixtiq inbusek ohra, O helwa Regina tieghi. Jiena ggielidt ghalik - u ghalik biss. Thallihx lil Cesare johodli l-unuri tal-battalji glorjuzi tieghi. U tavdahx! Jekk ghandek tavda lil xihadd - sib lil Prokulejus.

Cleo - Jiena f'dawn l-affarijiet lanqas navda lil Mummy.

Anth - Il-kobor tal-glorji li ghext fihom - il-battalji li erbaht - il-qawmien li tajt lil huti qalbiena - ser jispicca kollox.

Cleo - Jaqaw ser taghmel xi rkant?

Anth - Jiena erbaht dejjem - issa ser terbahni l-mewt.

Cleo - Int x'fettillek thallihom icempluk?

Anth - Jiena - sejjer - Cleopatra.

Cleo - Sejjer? Ghadek gej u trid terga tmur?

Anth - Sejjer - mahbuba tieghi - in-nifs - ga beda jonqosni - qalbi - donnha ser tieqaf -

Cleo - Forsi nieqsa miz-zejt.

Anth - Ghajnejja - nhosshom tqal - ma niflahhomx aktar. Meta mmur - tiftakru biss - li spirtu tieghi - u tibkuni. (DEEP SIGH) Addio - mahbuba - Cle - Cleo - Cleopa -

Cleo - Going once - going twice - for the third and last time -

Anth (N) Cleopatra!! (ANTHONY DIES) CYMBALS

Cleo - Gone! (WITH A SCREAM SHE THROWS HERSELF ON ANTHONY) Toninu - Toninu - thallinhix wahdi - toninu - Twanny, ma nistghax nghix minghajrek. Kellimni Ninu ta qalbi, Jiena Cleopatrina tieghek. X'wahda din! Miet! Ninu tieghi mejjet. Ma kellix hliefu fid-dinja; bqajt bil guh nistennih - o Twanny tieghi addio l-passiggati

Anth – Cleopatra qalbi – isfinli wahda.
Cleo – Ih! Mela le – Attakka Mast.
Orchestra – I love Paris (Bolero)
<u>Cleopatra dances.</u>
Taurus RE-ENTERS & stops Orchestra
Orchestra – ROCK & ROLL.
Taurus, Cleopatra & also Anthony
After Dance Anthony falls on Divan
Ant – Cleopatra – Ghaffeff.
Cleo – Lili nizluli l-erba tyres

fin-Nil. Lestejtlu kollox biex nitimghu tajjeb - cena mill-isbah - sahansitra gibt il-kok tal Kazin Malti. U issa qieghed hemm - mejjet - mgharar fil-qerda tal-battajla li hadituli. O xorti qerrieda - issa rrid ninqered jien - ikolli mmut ukoll. O Mark-Antonio - Twanny - Toninu - Ninu ta qalbi ser noffri hajti ghalik. Ser immur naqbez minn x'imkien. Le, ma jaqbilx naqbez li ma mmurx nehel ma xi sigra. (SHE PAUSES IN THOUGHT) Iva dik hi! Serp - lifa - li jkun - tigdimni lifa u teqridni bil-velenu taghha - u b'hekk immut malajr, minghajr ma nkun naf. Iras! Iras!

(D)

M U S I C - ORCHESTRA PLAYS TUNE. IRAS ENTERS. GIGOLETTE

Iras - Ghidli mahbuba Regina tieghi.

Cleo - Iras, ghaziza qaddejja tieghi - jiena ser inhallik bhal ma hallini dak il-gongol ta qalbi li hemm mixhut hemm..

Iras - Il-Kbir Anthony miet.

Cleo - Iva, miet - u jiena ser immut mieghu! Iras, mur gibli dak il-kannestru li ghandi fil-kamra.

Iras - Le, O Regina, ser tghamel b'idejk?

Cleo - Mur, qeghed nghidlek - dinha ordni tieghi. (Iras runs out crying) O sema tas-smewwiet ifthuli l-biebien halli nghaddi - il-bieb il-kbir - ghax miz-zghir nibqa nofsi barra.

Iras - (ENTERS WITH BASKET) O Regina! Thallinhix!

Cleo - Hekk hemm miktub - u hekk irid isir. Mur, Iras - mur malajr - li ma jmurx jerga jibdieli - mur - (PUSHES IRAS OUT) O dinja ta nganni - int ittradejtni - int sraqtli l-uniku gojjell ta qalbi - imma issa ser nittradik jien, minhix ser nibqa hawn mieghek aktar. Ser immur nittajjar - fil-gholi - u ma nzul ix-xemx ninzel u mmur norqod fuq ic-cint tal-Bibliotcka - u hemm nistrih.

Iras - (ENTERS CRYING) O Regina Taghna!

Cleo - Mur, ghidtlek, Iras, u hallini wahdi - ma dak li kien u mghadux izjed. Mur u ghid lil Cesare - li meta tarawni nittajjar - jghid il-poplu - li Cleopatra hallietna. (IRAS RUNS OUT CRYING) (CLEOPATRA BRINGS OUT SNAKE FROM BASKET) O lifa jew serp - x'int - ghatini dik is-sustanza li biha mmur hdejn il-mahbub Anthony tieghi. O xorti hazina - jiena mghandhix immut - insejt li s-sriep ta Malta mghandhomx velenu!

(CLASH OF CYMBALS AND QUICK CURTAIN) FANFARE